# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur

DIĊEMBRU 2012, ĦARĠA NRU 04



## Id-Direttiva dwar il-Ftehim ta' Kreditu għall-Konsumatur

F'DIN IL-ĦARĠA

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

L-Għaqdiet tal-Konsumatur f'Malta

Il-Benefiċċji u r-Riskji fl-Għażla tal-Mediċini Tiegħek

u oħrajn...

ŻUR IS-SIT ELETTRONIKU L-ĠDID TAL-MCCAA

www.mccaa.org.mt



# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur


03 L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

04 **Marki u Tikketti... Xi jfissru?** It-Tabella tal-Konsum tal-Enerġija

05 **Avviżi**

06 Ix-Xiri u r-Ritorn tar-Rigali

08 **Każijiet mit-Tribunal** Prattiċi Kummerċjali mhux Ġusti

10 Id-Direttiva dwar il-Ftehim ta' Kreditu għall-Konsumatur

11 Is-Sit Elettroniku l-Ġdid tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

12 Il-Benefiċċji u r-Riskji fl-Għażla tal-Mediċini Tiegħek

14 L-Għaqdiet tal-Konsumatur f'Malta

15 **L-Entitajiet fi Ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur** L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni

16 ***Dolceta*** Kif Tasal minn Post għal Ieħor b'Mod Sostennibli

17 **Paġna għat-Tfal** Nieħdu Ħsieb l-Ambjent

18 It-*Timeshare* u d-Drittijiet Tiegħek

20 **Is-Servizz tad-Dentisti** Niltaqgħu ma' Dr Adam Bartolo, il-President tal-Assoċjazzjoni tad-Dentisti ta' Malta

22 **Għandek Għażla!** Metodi elettroniċi ta' ħlas li huma siguri, effiċjenti u konvenjenti.



DIĊEMBRU 2012, ĦARĠA NRU 04

## Editur

Sandro Camilleri

## Bord Editorjali

Francis E. Farrugia
Suzanne Piscopo
Paul Edgar Micallef
Godwin Mangion
Josephine Borg
Odette Vella


**Ittri** jistgħu jintbagħtu bil-posta lill-Editur Sandro Camilleri, **L-Għażla**, L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010 jew fl-indirizz elettroniku sandro.a.camilleri@mccaa.org.mt.

L-ittri għandu jkollhom l-isem u l-indirizz ta' min jibgħathom u ma jistgħux ikunu itwal minn 120 kelma. L-editur iżomm id-dritt li jqassar kull ittra, basta jinżamm il-punt tagħha.

L-iskop tal-artikli ta' din ir-rivista huwa biss li jipprovdi informazzjoni u mhux li jagħti parir legali. F'każ ta' lment jew bżonn ta' iktar tagħrif, il-qarrej jista' jikkuntattja lill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, mingħajr ħlas, fuq il-linja **8007 4400**.

# L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, magħrufa fil-qosor bħala l-MCCAA, twaqqfet fit-23 ta' Mejju 2011 bis-saħħa tal-Kapitlu 510 tal-Liġijiet ta' Malta.



**L-Ing. Francis E. Farrugia**
*Iċ-Chairman tal-Awtorità*

Bit-twaqqif ta' din l-Awtorità ġew taħt saqaf wieħed dawk li qabel kienu l-Awtorità ta' Malta dwar l-Istandards (MSA), id-Dipartiment tal-Konsumatur u l-Kompetizzjoni (CCD) u l-Laboratorju Nazzjonali (MNL).

L-Awtorità hija responsabbli biex tamministra l-Atti msemmija hawn taħt u r-regolamenti li joħorġu minnhom:

- L-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510)
- L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 379)
- L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378)
- L-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti (Kap. 427)
- L-Att dwar il-Metroloġija (Kap. 454)
- L-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Kap. 430)

L-Uffiċċji tal-Awtorità jinsabu l-Blata l-Bajda, u l-Laboratorju tal-Metroloġija qiegħed Kordin, Raħal Ġdid. Il-Laboratorju tal-Ittestjar qiegħed il-Mosta Technopark. Għal tagħrif ieħor fuq l-Awtorità tista' ċċempel fuq **2359 2000** jew tibgħat ittra elettronika f'info@mccaa.org.mt.



## Is-Servizzi pprovduti mill-Awtorità

- Reġistrazzjoni ta' liftijiet.
- Ħatra ta' Korpi Awtorizzati għall-Valutazzjoni tal-Konformità (ACABs).
- Ħatra ta' Enti Notifikati.
- Ħatra ta' servizz tekniku.
- Ħruġ ta' *type approvals*.
- Awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.
- Awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni ta' bijoċidi.
- Reġistrazzjoni ta' supplimenti nutrittivi.
- Reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet nutrittivi u tas-saħħa.
- Ċertifikazzjoni skont l-ISO 9001 u l-ISO 14001.
- Ċertifikazzjoni ta' prodotti organiċi.
- Kalibrazzjoni ta' apparati tal-kejl.
- Reġistrazzjoni ta' siti skont ir-Regolament tal-UE dwar l-EMAS.
- Reġistrazzjoni ta' prodotti u servizzi skont ir-Regolament tal-UE dwar it-Tikketta Ekoloġika.
- Ittestjar fl-oqsma tal-kimika, l-inġinerija mekkanika u ċivili, il-bijoloġija u l-forensika.
- Medjazzjoni bejn il-konsumaturi u s-sidien tan-negozji.
- Tagħrif lill-konsumaturi.

# It-Tabella tal-Konsum tal-Enerġija

## Marki u Tikketti... Xi jfissru?

It-tabella tal-enerġija hi importanti biex innaqqsu l-konsum tal-enerġija għax biha l-konsumatur ikun jista' jqabbel prodott ma' ieħor.

Fi tmiem l-2011 it-tabella tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea nbidlet. It-tabella l-ġdida ġiet iddisinjata b'mod eħfef ħalli l-konsumatur ikun jista' jifhem aħjar l-użu tal-enerġija, f'ċerti tipi ta' prodotti. Ġew introdotti wkoll klassijiet oħra, mill-A+ sal-A+++ .




**Il-prodotti li jaqgħu fil-kategorija l-ħadra skura huma l-aktar effiċjenti fl-enerġija.**

It-tabella l-ġdida ġiet implimentata l-ewwel fuq il-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, il-magni tal-ħasil tal-platti, il-*fridges* u l-*freezers* u fuq is-settijiet tat-televixin. It-tabella l-ġdida tagħti aktar importanza lill-konsum ta' riżorsi oħra, u għandha dawn il-vantaġġi, meta tqabbilha mat-tabella l-antika:

- Tindika ll-konsum medju annwali tal-enerġija.
- Fiha klassijiet ta' effiċjenza sal-A + + +
- Tista' tintuża wkoll għal riżorsi oħra, mhux biss marbuta mal-konsum tal-enerġija elettrika, imma wkoll għall-konsum tal-ilma.
- Fiha format ta' lingwa newtrali għax il-valuri huma identifikati permezz tas-simboli.

It-tabella turi wkoll aktar informazzjoni relevanti fuq il-prodotti, pereżempju l-volum li jesgħu l-*fridges*, jew kemm tagħmel ħoss il-magna tal-ħasil tal-platti.

### It-tifsira tas-simboli użati fit-tabella tal-konsum tal-enerġija

| | |
|---|---|
| 150 kWh/annum | Il-konsum annwali tal-enerġija. |
| | Il-livell tal-ħoss. |
| | Il-volum tal-friża f'litri. |
| | Il-volum tal-friġġ f'litri. |
| | Il-volum tal-pożati f'litri għall-magna tal-ħasil tal-platti. |
| | L-effiċjenza tat-tnixxif tal-platti fil-magna tal-ħasil tal-platti. |
| | Il-konsum annwali tal-ilma f'litri. |
| | Il-livell tal-ħoss waqt il-ħasil u t-tnixxif tal-ħwejjeġ fil-magna tal-ħasil. |
| | L-effiċjenza tat-tnixxif tal-ħwejjeġ. |
| | L-ammont ta' ħwejjeġ li tiflaħ il-magna tal-ħasil f'kilogrammi. |
| | Il-konsum tal-apparat waqt li jkun mixgħul. |
| | L-ammont ta' fliexken li tiflaħ il-magna tat-tkessiħ tal-inbid. |
| | Id-daqs tal-iskrin tat-televixin. |

Għal tagħrif ieħor ikkuntattja lill-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur fuq **2395 2000.**

# Avviżi

## L-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni tal-Konsumatur

Fis-27 ta' Ġunju, l-Onor. Jason Azzopardi, il-Ministru għall-Kompetizzjoni Ġusta, in-Negozji ż-Żgħar u l-Konsumatur, ħabbar it-tnedija ta' konsultazzjoni fuq l-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni tal-Konsumatur.




Din il-konsultazzjoni għalqet fl-aħħar ta' Settembru u bħalissa l-kumitat imwaqqaf apposta qiegħed jeżamina r-rispons li rċeviet l-Awtorità biex titfassal l-istrateġija li se tkun adottata.




## Iktar roħs fil-prezzijiet tal-mediċini



| | | Il-prezz l-antik € | **Il-prezz il-ġdid €** |
|---|---|---|---|
| Amoxil | 500mg capsules x 21 | 8.65 | **7.90** |
| Asyran | 150mg tablets x 30 | 8.20 | **7.27** |
| Atacand | 16mg tablets x 28 | 31.00 | **28.88** |
| Augmentin | 500/125mg tablets x 21 | 15.77 | **8.88** |
| Canesten Oasis | 4g granules for reconstitution x 6 sachets | 6.59 | **6.13** |
| Champix | 1mg film-coated tablets x 28 | 52.67 | **51.08** |
| Depo-Medrone | 40mg/ml suspension for injection x 1ml | 4.58 | **4.35** |
| Depo-Medrone | 40mg/ml suspension for injection x 2ml | 8.41 | **7.78** |
| Fucidin | 2% cream x 15g x 1 | 6.66 | **6.30** |
| Fucidin | 2% ointment x 15g x 1 | 6.64 | **6.30** |
| Glimeryl | 4mg tablets x 30 | 11.18 | **10.68** |
| Klacid | 250mg tablets x 10 | 12.56 | **11.13** |
| Lyrica | 150mg hard capsules x 56 | 106.94 | **96.42** |
| Lyrica | 75mg hard capsules x 56 | 106.94 | **85.96** |
| Macrodantin | 100mg capsules x 30 | 11.02 | **10.28** |
| Macrodantin | 50mg capsules x 30 | 6.10 | **5.62** |
| Medovir 200 | 200mg tablets x 30 | 26.72 | **19.55** |
| Medovir 800 | 800mg tablets x 10 | 32.19 | **9.95** |
| Moxiclav 625 | 12/500mg tablets x 16 | 14.09 | **10.50** |
| Seretide Diskus | 50µg/250µg/m.d. inhaler x 60 m.d. x 1 inhaler | 49.50 | **48.90** |
| Seretide Diskus | 50µg/500µg/m.d. inhaler x 60 m.d. x 1 inhaler | 64.79 | **61.20** |
| Siprox | 250mg tablets x 10 | 9.64 | **7.93** |
| Tamsol | 0.4mg modified-release hard capsules x 20 | 16.90 | **12.50** |
| Xanax | 250mg tablets x 60 | 9.57 | **8.26** |
| Xanax | 500mg tablets x 60 | 12.56 | **11.20** |

Il-prezzijiet il-ġodda jidħlu fis-seħħ fl-ispiżeriji malli jinbiegħ l-i*stock* bil-prezz l-antik. Għal tagħrif ieħor fuq il-prezzijiet tal-mediċini tista' ċċempel b'xejn fuq: **2395 2000**.

## AVVIŻ IMPORTANTI GĦALL-KONSUMATURI

Fil-11 ta' Ottubru 2012, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur permezz tad-Direttur Ġenerali tal-Affarijiet tal-Konsumatur, skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta), iddeċiediet illi fl-aġir tal-operaturi Melita Plc, Melita Mobile Limited, GO Plc, Mobisle Communications Limited u Vodafone Malta Limited hemm ksur tal-Att imsemmi permezz tal-prattiċi kummerċjali mhux ġusti tagħhom fir-rigward tas-servizzi mogħtija minnhom permezz tal-użu tal-kliem *'unlimited'* u 'bla/mingħajr limitu' u permezz ta' espressjonijiet oħra li għandhom l-istess messaġġ, jiġifieri li m'hemmx limitu, iżda li fil-verità hemm limitu impost mill-operaturi. Skont l-Art. 110H(2) tal-Att imsemmi, il-kopja ta' din id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali ttellgħet fis-sit www.mccaa.org.mt. Għal aktar tagħrif, tista' tikkuntattja lill-Uffiċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fuq **2395 2000**.



# Ix-Xiri u r-Ritorn tar-Rigali

L-għażla ta' x'rigali nixtru lil qrabatna u 'l ħbiebna mhix faċli u ħafna drabi toħdilna ħafna ħin. Fl-istess waqt hemm ukoll element ta' riskju għaliex nistgħu nagħżlu rigali li ma jkunux addattati jew li ma jintgħoġbux. Għalhekk huwa importanti li nieħdu l-prekawzjonijiet.

L-ewwel parir hu li ma nħallux ix-xiri għall-aħħar minuta. Ix-xiri tar-rigali għandna nqassmuh fuq perjodu ta' żmien twil biżżejjed li jippermettilna nduru ftit u naraw x'hemm fis-suq.

### Niċċekkjaw jekk ir-rigali li nixtru jkunux jistgħu jinbidlu u kif

Biex nevitaw li naħlu l-flus fuq rigali li ma jintużawx, għandna naċċertaw li dak li nkunu se nixtru jista' jinbidel. Qabel inħallsu għandna nistaqsu lil tal-ħanut liema huma l-kundizzjonijiet tar-ritorn. Peress li r-ritorn tal-oġġetti li ma nkunux irridu mhuwiex dritt li ttihulna l-liġi, importanti li qabelxejn nistaqsu jekk ikunx possibbli li nibdlu l-oġġett u, jekk iva, kif nistgħu nagħmlu dan. Fortunatament, il-maġġoranza tal-ħwienet joffru l-possibbiltà li nibdlu oġġett jekk nirritornawh sa żmien speċifiku. Hemm ħwienet li anke joffru nota ta' kreditu jew saħansitra l-flus lura.



Tajjeb li nkunu nafu wkoll il-proċedura ta' kif isir il-bdil. Hemm bżonn l-irċevuta fiskali, jew tal-ħanut jista' jagħtina *gift receipt* li tkun tista' tintuża biex nirritornaw ir-rigal? Għandna nistaqsu wkoll sa meta jkunu jistgħu jiġu rritornati r-rigali u f'liema kundizzjoni għandhom ikunu rritornati. Pereżempju, bit-tikketti mwaħħla u fl-ippakkjar oriġinali tagħhom? Importanti li din l-informazzjoni ngħadduha lil min nagħtu r-rigal.

### Tipi ta' prodotti li ma jistgħux jinbidlu

Hemm tipi ta' prodotti li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati, bħal pereżempju l-prodotti magħmula b'qisien partikolari jew personalizzati, jew dawk il-prodotti li għandhom ħajja qasira bħall-fjuri friski. Minħabba raġunijiet ta' iġene, ħwejjeġ ta' natura intima u prodotti bħal imsielet u *make-up*, normalment ikunu esklużi mill-proċeduri tar-ritorn li jkollhom il-ħwienet.

### Ix-xiri tar-rigali mill-internet

Jekk inkunu beħsiebna nixtru xi rigal mill-internet, importanti li naħsbu sew minn qabel għax il-posta fil-jiem



tal-Milied tista' ddum aktar biex tasal. Barra minn hekk, għandna niftakru fid-dritt tagħna għall-Perjodu ta' Konferma *(Cooling Off Period)*, li huwa dak il-perjodu ta' żmien li matulu nkunu nistgħu nħassru x-xirja tagħna u nerġgħu nieħdu flusna lura. Imma l-ħlas tar-ritorn tal-oġġetti għand il-bejjiegħ ikollna nħallsuh aħna.

Qabel ma nixtru b'mod elettroniku, importanti li nieħdu numru ta' prekawzjonijiet. Jeħtieġ li nkunu nafu min hu l-bejjiegħ u fejn nistgħu nikkuntattjawh. Jekk inkunu se nixtru mingħand xi kumpanija għall-ewwel

darba, tajjeb li nagħmlu ftit riċerka minn qabel ħalli naraw x'reputazzjoni għandha mal-klijenti tagħha. Jeżistu siti elettroniċi apposta fejn wieħed jista' jistaqsi dwar il-kumpanija bħal, ngħidu aħna, jekk il-prodotti tagħha jaslux kif tkun ordnajthom u jekk jaslux fiż-żmien miftiehem.

### Ix-xiri ta' ġugarelli

F'każ li nkunu nixtiequ nixtru xi ġugarelli mill-internet, tajjeb li niftakru li dawn irid ikollhom il-marka CE. Din hi s-simbolu li juri li l-ġugarell ikun ġie magħmul bl-istandards tas-sigurtà imposti mill-Unjoni Ewropea. Ġugarelli mingħajr din il-marka ma jistgħux jidħlu fis-suq Ewropew, u allura, naturalment, anke fis-suq Malti. Jekk nordnaw ġugarelli mingħajr il-marka CE jista' jkollna l-problemi meta jaslu Malta għax tad-dwana ma jħalluniex indaħħluhom fis-suq Malti. Dan kollu japplika wkoll għal meta nixtru prodotti elettroniċi jew li jaħdmu bl-elettriku. Għal dawn ukoll hemm l-obbligu legali li jrid ikollhom il-marka CE.



### Il-prodotti difettużi u d-drittijiet legali tagħna

Fl-aħħar u mhux l-inqas għandna niftakru dejjem li jekk nixtru rigal li jkun difettuż jew li ma jkunx skont il-ftehim, hi x'inhi l-proċedura tal-ħanut dwar ir-ritorn tal-oġġetti, il-liġi tagħtina d-dritt li nitolbu rimedju mingħajr ħlas. Ir-rimedji li toffri l-liġi huma fuq it-tiswija, il-bdil, jew l-għoti tal-flus lura. Ikun hemm sitwazzjonijiet meta t-tiswija jew il-bdil tal-oġġett ma jkunux possibbli u allura tal-ħanut, minflok flus, joffrilna nota ta' kreditu. Din għandna naċċettawha biss jekk inkunu rriduha għax ħadd ma jista' jobbligana li noħduha. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-liġi ttina d-dritt li ninsistu għall-flus lura.

Meta jkollna problema għandna l-ewwel nippruvaw insolvuha bil-kelma t-tajba ma' tal-ħanut u meta dan ma jkunx possibbli għandna mbagħad nikkuntattjaw lill-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur għal aktar informazzjoni u assistenza.




## MELA, MA NINSEWX...

- Naċċertaw li r-rigali li nkunu se nixtru jkunu jistgħu jinbidlu.
- Nistaqsu kif jista' jsir il-bdil u sa meta.
- Ċertu tipi ta' prodotti ma jistgħux jiġu rritornati.
- Ġugarelli, prodotti elettroniċi u prodotti oħra li jaħdmu bl-elettriku għandu jkollhom il-marka CE.
- Il-liġi ttina d-dritt li nitolbu rimedju meta prodott ma jkunx skont il-ftehim.

Każijiet mit-Tribunal

# Prattiċi Kummerċjali mhux Ġusti

### Il-Każ

Il-konsumatur iffirma kuntratt tat-telefown ċellulari msejjaħ *"extra large package"*, li bih seta' jċempel b'xejn lil ħames numri tal-għażla tiegħu mingħajr limitu. Wara ftit żmien li daħal f'dan il-kuntratt irċeva messaġġ mingħand il-kumpanija li bih infurmatu li hemm limitu għat-telefonati li seta' jagħmel u jekk jinqabeż dan il-limitu jrid iħallas 20ċ għal kull minuta li jagħmel.




### X'passi ħa l-konsumatur?

Il-konsumatur deherlu li tqarraq u għalhekk għamel l-ilment mal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Meta din il-kumpanija ġiet avviċinata minn dan l-Uffiċċju, reġgħet irrepetiet l-istess argument li kienet ikkomunikat mal-konsumatur, jiġifieri li għall-kumpanija *unlimited* tfisser tliet sigħat.

### Xi ddeċieda t-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur?

Il-konsumatur ma kienx sodisfatt b'din ir-risposta u ressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur u talab rifużjoni tal-flus li ħallas u li jħassar il-kuntratt li kellu mal-kumpanija.

Għal din it-talba l-kumpanija ddikjarat quddiem it-Tribunal li għalkemm kien minnu li hi rreklamat li l-kuntratt jinkludi *unlimited calls,* fl-istess kuntratt hemm ukoll klawżola li tirreferi għall-*fair usage policy*. Għalhekk, wara li l-klijent ikun uża t-telefonati kollha u qabeż il-limitu tal-*fair usage*, imbagħad jibdew japplikaw ir-rati kummerċjali.

It-Tribunal ikkonkluda illi dak li kien qed jiġi rreklamat u dak li kien fih il-kuntratt kien kontradittorju - fuq naħa rreklamat *unlimited usage,* u min-naħa l-oħra ssib li hemm *fair usage policy*. Naturalment, fl-offerta ntużat il-frażi "bla limitu" biex dak li jkun jitħajjar aktar u jipprova jċempel "bla limitu". Imma min-naħa l-oħra ma tistax tillimitah u mbagħad tgħidlu "*fair usage*".





It-Tribunal laqa' t-talba tal-konsumatur u ordna lill-kumpanija biex tirrifondi lill-konsumatur dawk l-ammonti li ntalab iħallas għat-telefonati li kien għamel lill-ħames numri li fuqhom kellu jgawdi minn telefonati bla limitu *(unlimited calls)*. Barra minn hekk, il-konsumatur ingħata d-dritt li jħassar il-kuntratt mid-data li ġiet ippreżentata l-kawża, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija.

### Il-Konklużjoni

Id-deċiżjoni tat-Tribunal ikkonfermat li l-aġir tal-kumpanija jmur kontra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur għall-provvediment ta' prattiċi kummerċjali mhux ġusti. Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni, l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur sejjaħ laqgħa għal dawk il-kumpaniji li kienu qed jirrikorru għal dawn il-prattiċi kummerċjali mhux ġusti sabiex jiġbdilhom l-attenzjoni li dan l-aġir huwa kontra l-liġi.

Waqt il-laqgħa ġie diskuss il-fatt li l-prattiċi kummerċjali mhux ġusti għandhom jiġu pprojbiti u f'dan il-każ il-kliem '*unlimited*' u 'bla/mingħajr' limitu huma espressjonijiet, messaġġi u indikazzjonijiet qarrieqa għax jagħtu tagħrif falz, meta fil-verità jkun hemm limitu impost mill-istess kumpaniji. Għal dan il-għan id-Direttur Ġenerali ħareġ Ordni ta' Tħaris, skont il-Liġi, lill-kumpaniji kkonċernati. Jekk dan ma jiġix obdut tkun imposta multa ta' ħamest elef ewro (€5,000) u ta' mija u għoxrin ewro (€120) kuljum sakemm tieqaf din il-prattika kummerċjali mhux ġusta.

## Fejn tista' tagħmel l-ilment tiegħek

**L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur**
**Mizzi House**
**Triq Nazzjonali**
**Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010**

8007 4400
2395 2000
fair.trading@mccaa.org.mt

**Miftuħin għall-pubbliku:**

Fis-sajf mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 a.m. u n-12:30 p.m.

Fix-xitwa mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 a.m. u t-3:00 p.m.

## F'ħames xhur (Ġunju 2012 – Ottubru 2012)

**139**
***in-numru ta' talbiet li tressqu quddiem it-Tribunal***

**208**
***in-numru ta' deċiżjonijiet li nħarġu***

**140**
***in-numru ta' deċiżjonijiet favur il-konsumaturi***

**68**
***in-numru ta' deċiżjonijiet favur is-sidien tan-negozji***

**€63,610**
***il-kumpens totali li ngħata lill-konsumaturi***



*L-Onor. Jason Azzopardi jagħti rendikont tax-xogħol tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur waqt konferenza stampa f'Novembru 2012.*

**Ara s-sentenzi tat-Tribunal mis-sit elettroniku:** ***www.mccaa.org.mt/en/2012-tribunal-sentences***

# Id-Direttiva dwar il-Ftehim ta' Kreditu għall-Konsumatur

L-iskop ewlieni ta' din id-Direttiva (87/102/KEE) huwa li jiżgura li l-konsumaturi kollha fil-Komunità Ewropea jgawdu livell għoli u ndaqs ta' ħarsien għall-interessi tagħhom fejn jidħol il-ftehim ta' kreditu. Għalkemm id-Direttiva tkopri kważi kull tip ta' kreditu, ma tkoprix fost l-oħrajn il-ftehim ta' kreditu li l-għan tiegħu hu li bih wieħed jakkwista jew iżomm id-drittijiet ta' proprjetà fl-art jew f'xi bini eżistenti jew ipproġettat.



Id-Direttiva tapplika biss għal ftehim ta' kreditu li jinvolvi ammont totali ta' kreditu ta' aktar minn €200 iżda inqas minn €75,000.

Fost in-numru ta' obbligi mill-kredituri li timponi din id-Direttiva, ta' min jinnota li l-konsumatur għandu d-dritt li:

- jirċievi tagħrif speċifiku minn qabel għall-kuntratt rigward, fost oħrajn, il-ħlasijiet, ir-rata ta' self u r-rata perċentwali annwali ta' ħlas. Dan sabiex il-konsumatur ikun jista' jqabbel offerti differenti u jieħu deċiżjoni infurmata dwar fejn għandu jikkonkludi l-ftehim ta' kreditu;
- ikollu perjodu ta' erbatax-il jum li matulhom jista' jirtira mill-kuntratt mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni; u
- ikun jista' jifdi l-obbligi tiegħu bi ftehim ta' kreditu fi kwalunkwe ħin. Madankollu, din il-kundizzjoni hi suġġetta għal kumpens ġust u oġġettiv biex tkopri l-ispejjeż tal-kreditur.

Id-Direttiva tobbliga wkoll lill-kredituri li qabel il-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim ta' kreditu, jivvalutaw l-affidabbiltà tal-konsumatur skont l-informazzjoni li tingħata kemm mill-konsumatur, kif ukoll - fejn ikun meħtieġ - permezz ta' konsultazzjoni fil-ġabriet tad-data rilevanti. F'każ li l-konsumaturi jkunu jgħixu fi stat membru ieħor, il-kredituri għandu jkollhom aċċess għall-ġabriet tad-data li jintużaw f'dak l-istat membru biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumaturi.

Ir-Regolamenti ta' din id-Direttiva daħlu fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Ottubru 2010 permezz tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kreditu lill-Konsumatur skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitlu 378 - Avviż Legali Nru 330 tal-2010).

# Is-Sit Elettroniku l-Ġdid tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) twaqqfet f'Mejju 2011. L-Awtorità, li r-responsabbiltajiet tagħha huma vasti ħafna, ma jistax ikun li ma jkollhiex is-sit elettroniku tagħha. Tajjeb li wieħed ifakkar x'inhuma l-għanijiet tal-Awtorità. Dawn huma li:

- tħeġġeġ il-kompetizzjoni;
- tħares l-interessi tal-konsumaturi u ttejjeb il-ħarsien tagħhom;
- tmexxi 'l quddiem prattiċi tajba ta' negozju;
- taddotta u tikkoordina standards fir-rigward ta' prodotti jew servizzi;
- tirregola dawn l-attivitajiet; u
- tipprovdi dwar ħwejjeġ anċillari jew inċidentali ma' dawn jew marbuta magħhom.

**Fost affarijiet oħra, fis-sit issib:**

- l-aħħar aħbarijiet fuq ix-xogħol tal-Awtorità li jinkludu wkoll l-avviżi pubbliċi li toħroġ;
- l-istqarrijiet għall-istampa kollha tal-Awtorità;
- il-lista aġġornata tal-mediċini li naqsu fil-prezz;
- il-kopji tar-rivista **L-Għażla** li ħarġu s'issa;
- il-lista tal-organizzazzjonijiet iċċertifikati mill-Awtorità;
- is-servizzi ta' laboratorju li jingħataw mill-Awtorità;
- id-dokumenti għall-konsultazzjoni maħruġa mill-Awtorità; u
- il-lista tal-organizzazzjonijiet li qegħdin fl-Iskema *Trust You*.




L-għan prinċipali tas-sit huwa li jservi ta' mezz ta' informazzjoni kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji, b'mod speċjali n-negozji ż-żgħar. Fis-sit hemm numru ta' formoli li jistgħu jintużaw kemm min-negozjanti biex jirreġistraw il-prodotti li jkunu jridu jdaħħlu f'Malta, kif ukoll mill-konsumaturi li jkunu jridu jagħmlu l-ilmenti tagħhom.

# Il-Benefiċċji u r-Riskji fl-Għażla tal-Mediċini Tiegħek

### L-għażla tal-mediċini għall-marda jew is-sintomi tiegħek

Meta tħoss xi sintomi ta' mard l-ewwel li tagħmel hu li tirrikorri għand it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek. Wara li ssirlek evalwazzjoni klinika u tiġi eżaminat/a, it-tabib jiddeċiedi jkollokx bżonn xi mediċina u jiktiblek riċetta li mbagħad tippreżentaha lill-ispiżjar. Għal ilmenti żgħar tista' tmur direttament għand l- ispiżjar li min-naħa tiegħu jirrakkomandalek xi mediċina jew saħansitra vista għand it-tabib. Dan il-proċess hu spjegat fl-istampa.




Bħala pazjent, għandek irwol importanti fit-trattament tal-marda jew tas-sintomi tiegħek u fl-għażla tal-mediċini. Żewġ aspetti importanti huma li tinforma lit-tabib jew lill-ispiżjar dwar x'mediċini oħra tkun qiegħed tieħu, u dwar xi allerġiji li jista' jkun li tbati bihom.

L-istess mediċina ta' ditta differenti għandha l-istess effett, għalkemm tvarja f'ċertu aspetti, fosthom:

- kemm-il darba tittieħed kuljum;
- kif tidher (eżempju l-kulur, id-daqs, eċċ.);
- kif toħodha (eżempju pillola, suppożitorju, titqiba, jew ingwent fuq il-ġilda); u
- il-prezz.

Għalhekk huwa importanti li tiddiskuti dawn l-aspetti mat-tabib jew mal-ispiżjar biex taċċerta ruħek li l-mediċina li tkun ingħatatlek hi l-aħjar għażla għalik.



### Allerġiji għall-mediċini

Kull mediċina hi magħmula minn diversi ingredjenti, dawk attivi li jaħdmu fuq il-ġisem biex jipprovdu l-kura meħtieġa, u minn ingredjenti oħra li m'għandhomx effett fuq il-ġisem imma li jiżdiedu fil-prodott mediċinali biex jagħtu l-kulur jew itejbu t-togħma, f'każ, bħal ngħidu aħna, ta' mistura.

Tista' tkun allerġiku għal xi ingredjent li jkun hemm fil-mediċina u dan jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuqek, xi kultant anke serji. Eżempji ta' mediċini li jistgħu jikkawżaw allerġija huma xi tipi ta' antibijotici bħall-*penicillin*. Mhux kulħadd ibati mill-allerġiji.

### Mediċini oħra li qiegħed tieħu

Il-mediċina jista' jkollha effett fuq mediċini oħra li jista' jkun li tkun qed tieħu, jew bil-maqlub, u għalhekk tajjeb li żżomm lista sħiħa tal-mediċini li tkun qed tieħu. Meta tmur għand it-tabib jew l-ispiżjar urihom il-lista sħiħa tal-mediċini li tkun qed tieħu. Din għandha tinkludi l-mediċini kollha - kemm dawk li tieħu permezz tal-iskema tal-mediċini b'xejn, kif ukoll dawk li tixtri mingħand l-ispiżjar - kemm il-mediċini bir-riċetta, kif ukoll dawk ta' mingħajr riċetta, il-vitamini, il-minerali u l-prodotti naturali, bħal dawk magħmula mill-ħxejjex. Anke l-mediċini mill-ħxejjex jista' jkollhom effetti fuq xi mediċini oħra li tkun qed tieħu.

### Il-benefiċċji u r-riskji tal-mediċini

Kull mediċina għandha l-effetti pożittivi (il-benefiċċji) li jittrattaw il-marda jew is-sintomi tal-mard u l-effetti negattivi (is-*side effects*) tagħha fuq il-ġisem. Għalhekk għandek tiddiskuti mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek x'benefiċċji u x'effetti tista' tistenna meta tieħu l-mediċina.

Jekk tħoss xi *side-effects* waqt li tkun qed tieħu xi mediċina, twaqqafx il-mediċina ħesrem. Kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar biex jaraw jekk dan l-effett li tkun qed tħoss hux relatat tassew mal-mediċina li tkun qed tieħu. Iċċekkja dejjem ukoll il-fuljett ta' tagħrif li ssib fil-kaxxa jew fil-pakkett tal-mediċina biex tara jekk l-effett hux imsemmi u hux relatat mal-mediċina li tkun qed tieħu.



### Kif tirrapporta l-effetti tal-mediċini

L-effetti kkawżati mill-mediċini tista' tirrappurtahom inti stess jew it-tabib jew l-ispiżjar tiegħek lill-Awtorità tal-Mediċini. Dan huwa importanti li jsir ħalli tinġabar informazzjoni aktar kompleta dwar is-*side-effects* mill-mediċini li jkun hawn fis-suq lokali u Ewropew.

L-Awtorità tal-Mediċini tifforma parti minn netwerk Ewropew li jiġbor dawn ir-rapporti f'sistema elettronika ċentrali. Dan il-proċess, li jissejjaħ "farmakoviġilanza", jikkonsisti f'analiżi ta' dawn ir-rapporti biex b'hekk insiru nafu aktar dwar ir-riskji tal-mediċini, b'mod speċjali ta' dawk li ma jkunux magħrufa qabel ma l-mediċina titqiegħed fis-suq. Jekk jirriżulta li xi mediċina partikolari tkun qed tikkawża riskji f'xi kategoriji ta' pazjenti, bħal ngħidu aħna l-anzjani, it-tfal jew dawk li jsofru minn xi kundizzjoni tal-qalb jew tal-kliewi, jista' jiġi kkunsidrat li l-użu tal-mediċina jinbidel jew saħansitra jitwaqqaf għal dawk il-pazjenti. Il-mediċina tkun tista' tibqa' tintuża f'każijiet fejn il-benefiċċji jkunu akbar mir-riskji relatati. Dawk il-mediċini li jippreżentaw aktar riskji milli benefiċċji għall-pazjenti kollha ma jitħallewx aktar fis-suq.

Għaldaqstant, sehmek hu importanti ħafna għas-soċjetà. Għal aktar tagħrif dwar kif għandhek tirrapporta xi effett mediċinali, idħol fis-sit elettroniku **www.medicinesauthority.gov.mt.** It-tagħrif kollu li jingħata lill-Awtorità jinżamm b'mod kunfidenzjali. F'każ ta' diffikultà, it-tabib jew l-ispiżjar jista' jgħinek timla l-formola bl-informazzjoni neċessarja.




## Minn fejn tista' tikseb aktar tagħrif?

**L-Awtorità tal-Mediċini**
**203, Triq D'Argens**
**Il-Gżira GŻR1368**

2343 9111
bejn id-9 a.m. u nofsinhar

**Il-Lista tal-Mediċini :**
www.maltamedicineslist.com

facebook.com/medicinesmalta

info.me dicinesauthority@gov.mt
knowyourmedicines.info@gov.mt

**Il-Mediċini:**
**L-Għażliet li Tista' Tafdahom**
Fuljett ippubblikat fir-rivista
**L-Għażla** ta' Diċembru 2011

# L-Għaqdiet tal-Konsumatur f'Malta

## L-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur Malta

*Association for Consumer Rights Malta*

L-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur twaqqfet fil-15 ta' Mejju 2012 wara tħejjija li damet sejra madwar sena minn kumitat li twaqqaf apposta għal dan il-għan.

**L-Assoċjazzjoni twaqqfet biex:**

- Issir pressjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-konsumatur fuq livell Nazzjonali u Ewropew;
- Jinħoloq aktar għarfien dwar id-drittijiet tal-Konsumatur, billi tingħata għajnuna permezz ta' informazzjoni, edukazzjoni u tisħiħ għal nies ta' kull età;
- Tingħata l-għajnuna meta jitressaq ilment, issir ġustizzja u jingħata kumpens xieraq lill-konsumatur;
- Nippromwovu l-ġustizzja, b'mod partikulari, biex ma jsirux prattiċi kummerċjali li ma jkunux ġusti;
- Ikun żgurat li l-konsumatur jingħata servizzi ta' kwalità;
- Inressqu r-rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet dwar ir-regoli tar-reklamar; u
- Isiru konsultazzjonijiet ma' kull min hu interessat li jxerred prattiċi tajbin f'dan il-qasam.

**L-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni jinkludu:**

- Sessjonijiet ta' taħriġ u edukazzjoni għall-membri u l-ħbieb tagħhom;
- It-twaqqif ta' grupp apposta biex jassisti n-nies f'każ ta' lment permezz tat-telefown;
- It-twaqqif ta' sit eletroniku għall-Assoċjazzjoni.

## Għal aktar tagħrif ikkuntattja:

**L-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur**
**Pope Pius XII, Flat Nru 4,**
**Triq Mountbatten**
**Il-Blata l-Bajda ĦMR 1579**
2124 6982
info@konsumatur.com

**L-Għaqda tal-Konsumaturi**
**47A, Triq in-Nofsinhar**
**Il-Belt Valletta VLT 1519**
2123 9091
info@camalta.org.mt
www.camalta.org.mt

## L-GĦAQDA TAL-KONSUMATURI MALTA

**Consumers' Association - Malta**

L-Għaqda tal-Konsumaturi (GħK) hija organizzazzjoni mhux governattiva u ma tagħmel l-ebda qligħ. Minn mindu twaqqfet l-Għaqda fl-1982, l-għan tagħha kien, u għadu, li tippromwovi d-drittijiet tal-konsumaturi. L-GħK hi għaqda progressiva, demokratika, pluralistika u parteċipattiva, indipendenti mill-gvern, mill-partiti politiċi u l-interessi kummerċjali.

**L-Għaqda hi rikonoxxuta bl-Att għall-Affarijiet tal-Konsumaturi, 1994 u l-għan tagħha hu li:**

- Tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi f'kull qasam tal-ħajja Maltija;
- Teduka lill-konsumaturi permezz tal-parteċipazzjoni attiva u l-mezzi tax-xandir biex il-konsumaturi jieħdu kumpens xieraq;
- Taħdem favur l-interessi tal-konsumaturi speċjalment meta tkun se tgħaddi xi liġi dwar il-konsumaturi;
- Taħdem mar-regolaturi biex tassigura li d-drittijiet tal-konsumaturi u l-liġijiet favur il-konsumaturi jkunu implimentati; u
- Tieħu sehem f'konferenzi fuq livell Ewropew biex tara li l-vuċi tal-konsumaturi tinstema'.

Id-dħul finanzjarju tal-Għaqda hu biss mill-ħlas tat-tesseri tal-membri. Dan jinqasam f'2 kategoriji: Membru għal għomru - €5; Anzjani għal għomorhom - €4. L-Għaqda ma tirċievi l-ebda finanzi mill-Gvern.

# L-Entitajiet fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

## *L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni*

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, għandu diversi responsabbiltajiet li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jara li s-swieq jaħdmu sew għall-benefiċċju tal-konsumatur. Uħud mir-responsabbiltajiet primarji tal-Uffiċċju huma li:

- Iwaqqaf kull ftehim li jista' jkun hemm bejn l-intrapriżi li jkollhom bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew it-tneħħija tal-kompetizzjoni f'Malta, bħal pereżempju ftehim biex jgħollu l-prezzijiet flimkien b'detriment għall-konsumaturi (*cartels*);



- Iwaqqaf kull abbuż minn intrapriża/i li jkollhom pożizzjoni dominanti fis-suq konċernat, bħal pereżempju meta intrapriża dominanti timponi prezzijiet eċċessivi u kundizzjonijiet inġusti;
- Jeżamina u jikkontrolla l-amalgamazzjonijiet bejn l-intrapriżi f'dak li hu l-effett tagħhom fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni fis-suq, bħalma kien hemm fis-settur tal-karozzi, tal-aġenziji tal-ivjaġġar u tal-logħob;
- Jistudja s-swieq u, fejn meħtieġ, jirrakkomanda azzjoni bħalma ġara fil-pubblikazzjoni tar-rapport ta' Mejju 2012 fuq il-provvista tal-uniformijiet tal-iskejjel li fiha l-Uffiċċju ħareġ bosta rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-istudju li kien sar biex ikun hawn aktar kompetizzjoni f'dan is-suq;
- Jipprovdi pariri lil awtoritajiet oħra fuq ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni imposti bil-liġi, il-politika jew b'xi prattika amministrattiva; u
- Iħeġġeġ lill-intrapriżi u lill-għaqdiet tal-intrapriżi ħalli jħarsu l-liġi tal-kompetizzjoni u jippromwovu prattiċi tajba ta' negozju.



**L-intervent tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni fis-swieq konċernati għandu jwassal għal benefiċċji sinifikanti għall-ekonomija Maltija. B'aktar kompetizzjoni fis-swieq, se jkun hemm allokazzjoni aħjar tar-riżorsi, prezzijiet aktar baxxi u tkabbir ekonomiku li finalment igawdi minnu l-konsumatur.**



Dolceta
ONLINE CONSUMER EDUCATION
WWW.DOLCETA.EU
© Kummissjoni Ewropea

# Dolceta

## *Kif Tasal minn Post għal Ieħor b'Mod Sostennibli*

**Suzanne Piscopo**

Tajjeb għalik, tajjeb għall-oħrajn, u tajjeb għall-ambjent! Hekk nistgħu niddeskrivu l-impatt tal-għażla tagħna meta niddeċiedu li nimxu, nużaw ir-rota, jew nirkbu f'karozza waħda biex naslu minn post għal ieħor. Dan l-impatt pożittiv iseħħ għax inkunu aktar attivi fiżikament, għax inkunu qed niffrankaw il-flus, għax inkunu qed nieħdu gost fil-kumpanija tal-qraba u l-ħbieb, jew għax ma nkunux qed nużaw enerġija ġġenerata mill-*fossil fuels*.



Fit-taqsima *Sustainable Consumption* tas-sit tad-*Dolceta* **(www.dolceta.eu)** issibu tagħrif fuq it-trasport sostennibbli. Tistgħu taqraw fuq il-vantaġġi jew l-iżvantaġġi tal-mezzi differenti ta' vjaġġar, u kif tagħżluhom jew tużawhom b'mod għaqli.

Issibu informazzjoni, ngħidu aħna, fuq it-tipi ta' roti differenti, fuq kif tagħżel ir-rota u l-elmu addatatti għalik, u fuq kif issuq ir-rota fit-toroq b'mod sigur u responsabbli.



Issibu wkoll deskrizzjoni tat-tipi different ta' *biofuels*, bħall-*bioethanol* u l-*biodiesel*, li huma magħmulin mill-qamħ, iz-zokkor u ż-żjut veġetali, u l-*biogas* (magħruf ukoll bħala *biomethane* jew *landfill gas*) li jinħoloq waqt id-diġestjoni tal-materjal u l-iskart organiku.

Fit-taqsimiet l-oħra tas-sit issibu tagħrif fuq il-karozzi li la jaħdmu bil-*biofuel* u lanqas bil-*fossil fuels* (*petrol* u *diesel*). Dawn il-karozzi jissejħu vetturi tal-enerġija alternattiva (*alternative power vehicles*) u eżempji tagħhom huma l-karozzi *hybrid* (eż. dawk li jaħdmu bil-*petrol* u l-elettriku) u dawk li jaħdmu bl-elettriku (bil-batteriji) jew biċ-ċelloli solari (li jaħżnu fihom l-enerġija mix-xemx).

Fit-taqsima *Sustainable Consumption - Transport* tista' tqabbel ukoll xi jfissru *car pooling* - meta wieħed itella' passiġġieri oħra fil-karozza tiegħu - u *car sharing* - meta tnejn min-nies, jew aktar, jixtru karozza bejniethom u jużawha flimkien jew individwalment skont il-bżonn. Dawn iż-żewġ sistemi jgħinu biex jonqos it-traffiku fit-toroq, it-tniġġis tal-arja, l-istress fost is-sewwieqa, u biex l-ispejjeż jinqasmu bejn kull min huwa nvolut.

Dawn huma biss ftit eżempji mit-tagħrif utli li ssib fis-sit tad-Dolceta biex bħala individwi jew familji nkunu aktar konxji tal-impatt tal-għażliet tagħna fuqna nfusna, fuq l-oħrajn u fuq l-ambjent meta niġu biex nikkunsidraw x'mezz ta' trasport nużaw, jew jekk għandniex immorru bil-pass sad-destinazzjoni tagħna.

# Nieħdu Ħsieb l-Ambjent



Huwa d-dritt tagħna l-konsumaturi li ngħixu f'ambjent nadif u b'saħħtu. Fl-istess waqt huwa d-dmir tagħna li nieħdu ħsieb l-ambjent li ngħixu fih billi nagħżlu l-affarijiet li nixtru bil-għaqal.

Qabel ma niddeċiedu li nixtru oġġett ġdid għandna nżommu f'moħħna tliet regoli importanti: **naqqas, erġa' uża, u rriċikla**. L-ewwel nett għandna nnaqqsu l-ammont ta' affarijiet li nixtru. Anqas ma nixtru, aktar innaqqsu l-iskart u l-impatt ħażin li dan għandu fuq l-ambjent. Meta jkollna bżonn nixtru oġġett, għandna nagħżlu prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Pereżempju, minflok bozza normali nistgħu nixtru bozza li ma taħlix wisq enerġija u li għalhekk tkun *energy saving*.

Fejn u meta jkun possibbli għandna nerġgħu nużaw l-affarijiet li nixtru. Jekk pereżempju, f'dan iż-żmien tal-Milied nixtiequ nibagħtu xi kartolina lil ħbiebna, minflok nixtrulhom kartolina ġdida nistgħu nagħmluhielhom aħna stess billi nużaw il-kartolini l-qodma.

Fl-aħħar u mhux l-inqas għandna nirriċiklaw. Importanti ħafna li nisseparaw l-iskart ħalli wħud mill-oġġetti li narmu jkunu jistgħu jiġu rriċiklati f'oġġetti ġodda.



# PAĠNA GĦAT-TFAL



### WEQFIN

1. Noħolquh meta narmu l-affarijiet li ma jkollniex bżonnhom aktar
2. Ikollna bżonn nixegħluha biex ma nibqgħux fid-dlam.
4. Dakinhar li twieled Ġesù Bambin.
6. Insibuh madwarna u ngħixu fih.
8. Mhux maħmuġ.
10. Għandna nieħdu ħsiebha billi nieklu sustanzjuż u nagħmlu l-eżerċizzju.

### MIMDUDIN

3. Issib x'tagħmel bl-oġġett.
5. Nibagħtuha lill-qraba u l-ħbieb tagħna f'okkażjonijiet speċjali.
7. Meta oġġett tkun għadek kemm tixtrih ikun...
9. Ma żżidx.
11. Mhux tajjeb.
12. Meta tkisser xi ħaġa tagħmel hekk...

## KOMPETIZZJONI

Numru tal-Permess: DPL 50/2012

**Imlew it-tisliba u ibagħtuhielna sa nhar it-Tnejn, 7 ta' Jannar 2013, f'dan l-indirizz:**

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
L-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur
*Mizzi House*
Triq Nazzjonali
Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010

Tintgħażel risposta tajba bix-xorti u r-rebbieħ jingħata rigal b'valur ta' €50 f'kotba.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tat-tieni ħarġa tar-rivista **L-Għażla** hi Christine Fenech ta' 9 snin minn Ħal Luqa.

# It-*Timeshare* u d-Drittijiet Tiegħek




### Xi rridu nfissru b'*timeshare*?

L-idea ta' *timeshare* hi li tixtri d-dritt li tqatta' xi żmien f'akkomodazzjoni (eż. tqatta' ġimgħa/ġimagħtejn fis-sena f'appartament jew f'villa) fi żminijiet speċifiċi tas-sena, b'kuntratt li ma jdumx inqas minn sena. Inti tkun is-sid ta' dal-perjodu ta' żmien u mhux tal-proprjetà nnifisha.

### Kuntratti oħra li jixbhu lit-*timeshare*

Il-*holiday clubs* jixbhu lit-*timeshares*, iżda bihom ma tkunx qed tixtri d-dritt li toqgħod fi proprjetà speċifika għal perjodu fiss ta' żmien kull sena. F'każ ta' *holiday club* il-ħlas jinvolvi miżata ta' sħubija li biha tkun tista' tibbukkja u tħallas għall-vaganzi permezz tal-klabb, bi prezz imnaqqas. Jekk il-kuntratt idum mill-inqas sena u jsir dakinhar jew wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida tat-*timeshares*, tkun imħares mill-istess liġijiet li jkopru t-*timeshares*.

Barra minn hekk, il-konsumatur issa hu mħares ukoll fil-**kuntratti ta' skambju** (*exchanges*) u f'każ ta' **bejgħ mill-ġdid *(re-sale)***.

Il-kuntratti ta' skambju jagħtu aċċess lill-konsumatur għal iljieli ta' akkomodazzjoni jew għal servizzi f'lukandi jew *resorts* meta dan jagħti aċċess temporanju lil persuni oħra għall-proprjetà tiegħu. Għalhekk, b'dawn il-kuntratti tkun tista' tpartat, temporanjament, il-prodott tiegħek ma' prodotti simili ta' konsumaturi oħra.

Il-kuntratti tal-**bejgħ mill-ġdid** huma dawk il-kuntratti li bihom il-konsumatur li jkun sid ta' *timeshare* jew ta' prodott simili jagħmel ftehim mal-bejjiegħ oriġinali, jew ma' kumpaniji oħra, biex jgħinuh ibigħ il-prodott tiegħu lil ħaddieħor.



### Xi drittijiet għandi?

**Tajjeb li tkun taf li:**

1. Għandek dritt **għat-tagħrif kollu meħtieġ**, bil-miktub, qabel ma tiffirma l-kuntratt, bħal pereżempju d-dettalji tal-bejjiegħ, il-prezz u l-ħlasijiet l-oħra relatati; id-dritt li toħroġ mill-kuntratt u l-projbizzjoni tal-ħlasijiet minn qabel; kif ukoll il-possibbiltà li t-tilwima tiġi riżolta barra l-qorti. Dan it-tagħrif kollu jrid ikun ċar u b'lingwa li jkun jifhem il-konsumatur, basta tkun lingwa uffiċjali tal- Unjoni Ewropea.

2. Għandek ukoll id-dritt li tħassar il-kuntratt fi żmien 14-il jum, mingħajr ma tagħti l-ebda raġuni (il-perjodu



ta' konferma) u bla ma teħel ebda penali. Jekk il-bejjiegħ ma jagħtikx l-informazzjoni meħtieġa, daż-żmien jiġi estiż bi tliet xhur oħra; u jekk il-bejjiegħ ma jimliex u ma jtikx formola separata ta' kanċellazzjoni mal-kuntratt, idum sa **sena u 14-il jum.** Għandek tinforma lill-bejjiegħ bil-miktub bl-intenzjoni tiegħek li toħroġ mill-kuntratt, bil-posta rreġistrata, skont il-liġi Maltija.

**3.** Qatt ma jista' jintalab xi ħlas bil-quddiem waqt il-perjodu ta' konferma (*cooling-off period*).

**4.** Il-kuntratti tat-*timeshare* u l-*holiday clubs* għandu jkollhom ukoll tagħrif fuq is-servizzi essenzjali (bħall-provvista tal-ilma u d-dawl), faċilitajiet komuni u l-ħlasijiet marbuta magħhom.

## Għal xiex għandhom joqogħdu attenti l-konsumaturi?

Il-kumpaniji li jbigħu t-*timeshares* spiss jistiednu n-nies li jistgħu jkunu interessati għal preżentazzjonijiet, billi jħajruhom b'offerti ta' "premjijiet". Jistgħu jċemplulek, jew anke jwaqqfuk fit-triq u jagħtuk *scratchcard* li meta tobroxha turik illi rbaħt xi premju u tintalab tattendi għal xi preżentazzjoni. Aħsibha darbtejn qabel ma tattendi dawn il-preżentazzjonijiet, għax jistgħu jispiċċaw jagħmlulek pressjoni u jġegħluk tiffirma mingħajr ma jtuk iċ-ċans taqra t-termini u l-kundizzjonijiet.

Fittex dejjem parir legali indipendenti qabel ma tiffirma ftehim ta' *timeshare* jew ta' *holiday club* jew xi ftehim ta' bejgħ mill-ġdid. Jekk diġà ffirmajt ftehim ta' *timeshare* jew ta' *holiday club* u tixtieq tħassru, iċċekkja sew it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u immedjatament ibgħat it-talba tiegħek bil-miktub lill-kumpanija biex tikkanċella l-ftehim li ffirmajt. Tista' tkellem ukoll lill-kumpanija tal-kard tal-kreditu tiegħek ħalli tara tistax tgħinek jekk tkun ħallast biha.

Jekk ikollok xi kwistjoni ma' kumpanija barranija tat-*timeshare* fl-Unjoni Ewropea, tista' tikteb liċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumaturi (ECC-Net) għall-għajnuna. Iċ-Ċentru joffri pariri u jista' jgħinek tasal għal ftehim bil-kelma t-tajba.

## Għal iktar tagħrif ikkuntattja:

**ECC Malta**
**47A**
**Triq in-Nofsinhar**
**Il-Belt Valletta VLT 1101**

2122 1901
2122 1902
ecc.malta@gov.mt
www.eccnetmalta.gov.mt

Iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur f'Malta (ECC Malta) huwa kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

Is-Servizz tad-Dentisti



# Niltaqgħu ma' Dr Adam Bartolo,

***il-President tal-Assoċjazzjoni tad-Dentisti ta' Malta***

**MISTOQSIJA:**

***X'teħtieġ biex tkun tista' tirreġistra bħala dentist u kif tiġi rregolata l-professjoni tad-dentistrija f'Malta?***

**ADAM BARTOLO:**

Wara li jikkwalifika bħala dentist mill-Università, wieħed irid ikollu liċenzja maħruġa mill-President ta' Malta. Biex jikkwalifika għal din il-liċenzja jrid ikun ċittadin ta' Malta jew ta' xi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ikollu kondotta tajba, u ismu jrid ikun jidher fir-Reġistru Mediku, kif stipulat mil-Liġi.

Id-dentistrija hi professjoni li flimkien mal-professjoni tat-tobba tiġi rregolata mill-Kunsill Mediku. Il-Kunsill iżomm ir-Reġistru Prinċipali aġġornat bid-dettalji tad-dentisti li jistgħu jipprattikaw f'Malta u żewġ reġistri oħra bl-ispeċjalisti tal-kirurġija orali u l-ortodontika. Barra minn hekk, hemm oqsma oħra ta' speċjalizzazzjoni f'dan il-qasam li wieħed irid ikun għamel taħriġ postgradwatorju fih u jeħtieġ li jkollu kwalifiki oħra, bħalma huma fis-saħħa tas-snien tat-tfal, id-dentistrija restorattiva, il-patoloġija tal-ħalq, il-farmakoloġija, id-dentistrija tal-anzjani, is-saħħa pubblika u oħrajn. Iżda kull dentist jista' jipprattika f'kull qasam tad-dentistrija sakemm ikollu liċenzja maħruġa mill-President ta' Malta u ismu jkun imniżżel fir-Reġistru Prinċipali tal-Kunsill Mediku.



**MISTOQSIJA:**

***X'għandu jistenna l-pazjent meta jmur għal vista għand id-dentist?***

**ADAM BARTOLO:**

Id-dentist għandu:

- Jeżamina sewwa l-ħalq u jara jekk hemmx bżonn xi eżaminazzjoni aktar dettaljata. L-eżami għandu jinkludi wkoll l-*x-rays* li juri ċar x'inhi l-kundizzjoni tas-snien. Bl-*x-rays* wieħed ikun jaf aħjar x'hemm bejn is-snien u taħt il-ħanek;
- Jispjega tajjeb lill-pazjent b'dak kollu li jsib;
- Jispjega x'inhuma t-trattamenti li jistgħu jsiru, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull trattmament, u x'kumplikazzjoniet jista' jkun hemm;
- Jgħidlu l-prezz li jrid iħallas għas-servizz;
- Jara li l-pazjent irid jagħmel dak it-trattament billi jagħti l-kunsens tiegħu;
- Jagħmel it-trattament sewwa u waqt li jkun qed jagħmlu jżomm dejjem lill-pazjent infurmat b'xi bidliet li jista' jkun hemm fil-pjan tat-trattament, skont is-sitwazzjoni.

Wara t-trattament il-pazjent għandu jmur għal vista oħra biex id-dentist jara fiex inhu u jieħu ħsieb snienu sewwa.

**MISTOQSIJA:**

***Minn meta għandna nibdew nieħdu ħsieb snienna?***

**ADAM BARTOLO:**

Malli jfeġġu s-snien f'ħalqna għandna nibdew nikkurawhom. Il-ġenituri meta jkunu sejrin għand id-dentist għandhom jieħdu lil uliedhom magħhom ħalli jdarruhom jieħdu ħsieb snienhom u meta jkollhom xi problema jkunu diġà draw imorru għandu. Mhix idea tajba li t-tfal jispiċċaw ikollhom imorru għand id-dentist għall-ewwel darba meta jkunu muġugħin jew meta jkollhom xi problema.





**MISTOQSIJA:**
***Kif għandna nieħdu ħsieb snienna?***

**ADAM BARTOLO:**

1. Irridu naħslu snienna darbtejn kuljum u fejn ma twassalx l-ixkupilja tas-snien għandna nużaw xkupilji apposta, jew *dental floss* biex innaddfu bejn is-snien;
2. Il-krema tas-snien għandu jkollha doża tajba ta' *flouride* ta' madwar 1500 parti kull miljun għall-adulti;
3. Wara li naħslu snienna, tajjeb li nużaw likwidu għall-ħasil tal-ħalq li joqtol il-batterji li jikkawżaw it-tħassir tas-snien (*caries*) u l-mard tal-ħanek (*gingivitis*);
4. Jeħtieġ li nżommu dieta bilanċjata u nnaqqsu l-ikel li jkun fih iz-zokkor u l-lamtu;
5. Nevitaw li noqogħdu nnaqqru l-ħlewwiet bejn l-ikliet għax dan jikkawża tħassir tas-snien;
6. Nevitaw li nixorbu l-luminati, anke tad-dieta, u jekk nixorbuhom għandna nlaħalħu ħalqna bl-ilma;
7. Importanti ħafna li ma npejpux għax it-tipjip jista' jikkawża l-mard tal-ħanek u saħansitra tumur fil-ħalq u f'postijiet oħra;
8. Mur għand id-dentist tiegħek b'mod regolari minn tal-inqas darbtejn fis-sena u ħu miegħek l-*x-rays* skont il-bżonn;
9. Importanti li taħsel snienek tajjeb billi ddum minn 2 sa 3 minuti b'teknika tajba u li ma tagħmilx ħsara. Jekk ma taħsilx tajjeb xorta ma tkunx qed tagħmlilhom ġid;
10. Il-ħanek u l-ilsien għandhom jinħaslu wkoll biex tneħħi l-ħmieġ u żżomm snienek aktar nodfa.
11. It-titqib fl-ilsien u x-xufftejn mhux tajjeb għax jista' jwassal għal allerġiji, infezzjonijiet, mard fil-ħanek u fl-ilsien.

Niftakru wkoll li xi problemi fil-ħalq huma marbuta ma' mard ieħor fil-bqija tal-ġisem, bħall-mard tal-qalb. Għalhekk importanti ħafna li jkollna kura tajba tal-ħalq għas-saħħa ġenerali ta' ġisimna.

**Staqsi lid-dentist tiegħek kif għandek taħsel snienek.**

## Għal iktar tagħrif ikkuntattja:

**L-Assoċjazzjoni tad-Dentisti ta' Malta**
***Dental Association of Malta***
**Malta Federation of Professional Associations**
**The Professional Centre**
**Triq Tas-Sliema**
**Il-Gżira GŻR 1633**

2131 2888
info@dam.com.mt
www.dam.com.mt

# Għandek Għażla!

***L-Għaqda tal-Bankiera Maltin qed tħeġġeġ lill-pubbliku Malti biex juża metodi elettroniċi ta' ħlas li huma siguri, effiċjenti u konvenjenti.***




Meta niġu biex inħallsu lil tal-ħanut jew il-kontijiet li nirċievu ta' kull xahar, bosta minna nagħmlu dan bil-flus kontanti jew b'xi ċekk. B'xorti ħażina, għad hemm konsumaturi li ftit tgħaddilhom minn rashom jużaw alternattivi oħra biex jagħmlu pagament – alternattivi li fil-fatt huma aktar siguri, effiċjenti u konvenjenti. Jagħmlu hekk għax jistgħu ma jkunux biżżejjed mgħarrfa dwarhom jew għax ikollhom idea żbaljata li dawn il-metodi jistgħu, b'xi mod, jippermettu lil xi ħadd iqarraq bihom.

### L-użu tal-kards tal-kreditu u tad-debitu

Nieħdu, pereżempju, wieħed mill-metodi ta' ħlas li għalkemm qabad mhux ħażin fis-soċjetà Maltija, għadu mhuwiex ippreferut aktar mill-flus kontanti kif inhu f'bosta pajjiżi oħra Ewropej – l-użu tal-kards tal-kreditu u d-debitu. Uħud minna għadna ninkwetaw meta niġu biex nużaw dawn il-kards biex inħallsu, aktarx minħabba l-idea qarrieqa li tal-ħanut jew il-fornitur tas-servizz ikollu aċċess dirett u bla limitu għall-kontijiet bankarji tagħna jew li l-kard tista' tintilef u tintuża minn kull min isibha. M'għandniex għalfejn ninkwetaw ladarba dawn il-kards nużawhom bil-għaqal u nagħmlu rapport minnufih lill-bank li jkun ħariġhomlna f'każ li nitilfuhom jew jisirquhomlna.

Bl-introduzzjoni tas-sistema *chip and pin*, l-użu tal-kards tal-kreditu sar sigur aktar minn qatt qabel. Malli tinħareġ kard tal-kreditu mill-bank, jingħatalek numru li tkun tafu int biss u li trid iddaħħlu fil-magna tal-ħanut meta tkun se tħallas bil-kard. Għaldaqstant, ladarba tkun attent li dan in-numru ma tgħaddih lil ħadd, anke jekk tinsteraqlek jew titlef il-kard, ħadd ma jkun jista' juża l-kard tiegħek minghajr dan in-numru.

## Il-Bank Elettroniku *(Internet Banking)*

Permezz ta' dan is-servizz tista' tħallas il-kontijiet, taċċessa l-kontijiet bankarji tiegħek u tittoppja l-mowbajl mill-kumdità ta' darek. Kull persuna li tapplika għal dan is-servizz tingħata isem (*user name* jew *log-in number*) u frażi/numru sigriet (*password* jew *access key*) biex tkun tista' tidħol fil-kontijiet bankarji tagħha u minn hemm tkun tista' tuża s-servizzi offruti mill-bank. B'hekk ma jkollokx aktar għalfejn tmur il-fergħa bankarja u ma taħlix ħin fil-kju biex tħallas xi kont.

## L-alternattiva tad-debitu dirett

Mezz ieħor ta' ħlas li kulma jmur qed jiżdied fil-popolarità huwa dak tad-debitu dirett. Dan huwa arranġament bankarju li bih il-klijent jagħti struzzjonijiet lill-fornitur ta' xi servizz, bħal ngħidu aħna lil xi kumpanija tal-assigurazzjoni jew lil xi fornitur tas-servizz tat-telefonija li bihom jawtorizza lill-bank biex iħallas ammonti fissi jew varji mill-kont bankarju ta' dak il-klijent partikolari. Qabel jitnaqqas l-ammont dovut, il-fornitur tas-servizz partikolari jkun irid javża lill-klijent. Għalhekk wieħed ma jkollux għalfejn joqgħod jiftakar li kull xahar irid jibgħat ċekk biex iħallas il- kont tat-telefown għax inkella jeħel xi penali. Ta' min insemmu li m'hemm l-ebda ħlas biex tabbona għal dan is-servizz u bosta fornituri tas-servizzi joffru saħansitra skont lil kull klijent li jħallas il-kontijiet tiegħu b'dan il-metodu tad-debitu dirett (*direct debit*). F'każ li l-ammont li jinġibed ikun aktar minn dak mistenni mill-klijent, dan tal-aħħar għandu ammont ta' żmien raġonevoli biex jitlob lill-bank iroddlu l-flus li jkunu nġibdu mill-kont tiegħu.




## Nimxu mal-progress

L-industrija bankarja qed toffri lill-konsumaturi alternattivi siguri, effiċjenti u konvenjenti li jistgħu jagħmlulu l-ħajja mgħaġġla ta' kuljum kemxejn aktar faċli. Dawn l-alternattivi għall-ħlas permezz tal-mezzi tradizzjonali (bħall-flus kontanti u ċ-ċekkijiet) qegħdin hemm u jiddependi minn kull wieħed u waħda minna li nimxu mal-progress li qed isir fil-qasam bankarju u nagħmlu ħilitna biex nagħmlu dik il-qabża meħtieġa għall-kumdità u s-serħan tal-moħħ tagħna stess!



**Għal iktar tagħrif ikkuntattja:**

**L-Għaqda tal-Bankiera Maltin**
**48/2,Triq Birkirkara**
**Ħ'Attard ATD 1210**

Tel: 21412210/21410572
info@maltabankers.org
www.maltabankers.org



# Numri tat-Telefown Utli għall-Konsumaturi

**L-EMERĠENZA**
(Ambulanza, Pulizija, Tifi tan-Nar)
**112**

| | |
|---|---|
| L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur | **2395 2000** |
| Linja bla ħlas tal-MCCAA | **8007 4400** |
| Iċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumaturi ta' Malta | **2122 1901** |
| L-Għaqda tal-Konsumaturi | **2123 9091** |
| L-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur | **2124 6982** |
| It-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | **2122 7070** |
| Tagħrif dwar il-Prezzijiet tal-Mediċini | **2395 2000** |
| Tagħrif dwar is-Sigurtà tal-Prodotti | **2395 2000** |
| L-Awtorità dwar il-Mediċini | **2343 9000** |
| L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol (OHSA) | **2124 7677** |
| L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta | **8007 4924** |
| L-Awtorità għat-Trasport f'Malta | **2122 2203** |
| L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar | **2290 0000** |
| L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni | **2133 6840** |
| L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi | **2122 0619** |
| L-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob | **2546 9000** |
| L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta | **8007 2230** |
| L-Awtorità tax-Xandir | **2122 1281** |
| L-Awtorità tad-Djar | **8007 2232** |
| ARMS Ltd | **8007 2222** |
| Arriva Malta | **2122 2000** |
| Id-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali | **2133 7333** |
| Id-Dipartiment tal-VAT | **8007 4404** |
| Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni | **2296 2296** |
| Id-Diviżjoni tal-Kummerċ | **2124 2270** |
| Gozo Channel Co. Ltd | **2156 1622** |
| Ħsarat fis-servizz tat-telefonija - Go | **133** |
| Inċidenti tat-traffiku (Gwardjani lokali) | **2132 0202** |
| Informazzjoni fuq linji fissi - Go | **1182** |
| Informazzjoni fuq linji fissi - Melita | **2727 5000** |
| Il-Korporazzjoni Enemalta | **8007 2224** |
| Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | **8007 2222** |
| Is-Servizz ta' Informazzjoni tal-Gvern | **153** |
| Wasteserv Malta | **8007 2200** |
| Il-Forzi Armati ta' Malta | **2249 4202** |
| L-Isptar Mater Dei | **2545 0000** |
| L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex | **2156 1600** |